# Bra tajjeb għal matul it-tqala

minn Jane Fleming, Fitting Consultant ma' Royce Lingerie

Id-daqsijiet kollha tal-bras ikollhom numru u ittra. In-numru għandu x'jaqsam ma' l-istatura tiegħek filwaqt li l-ittra hija marbuta mad-daqs tal-cup, jiġifieri l-volum tas-sider. Matul it-tqala, meta t-tarbija tibda tikber fil-ġuf, il-kustilji tan-naħa ta' isfel jitilgħu 'l fuq u joħorġu 'l barra biex jagħtu aktar spazju lit-tarbija fejn tikber. Is-sider ma fihx muskoli jew ligamenti. Għalhekk jekk ma jkollux sapport jiddendel.

Fit-tqala ċ-ċirkolazzjoni tad-demm lejn is-sider tiżdied u s-sider għandu t-tendenza li jikber, jissoda u jsir ħafna aktar sensittiv. Mara tqila ssir ukoll aktar konxja tal-glandoli fil-ġenb tas-sider, taħt id-dirgħajn u fuq quddiem. Aktar ma ż-żaqq tikber biex takkomoda lit-tarbija, aktar jiżdied il-qies taċ-ċinta ta' taħt tal-bra. Dan jibqa' jiżdied sa xahar qabel it-twelid. F'dan iż-żmien huwa essenzjali li l-mara tilbes bra li jiġiha tajjeb u li fih is-sapport. Il-qies it-tajjeb tal-bra għandu jiġi deċiż billi l-mara taqfel il-bra fuq l-aktar kurkett issikkat, ħalli tħalli spazju għal meta s-sider jikber. Fuq quddiem u fil-ġenb il-bra għandu jkollu ċertu fond biex is-sider ikollu sapport. Kun żgura li t-truf ta' l-iskollatura u ta' taħt id-dirgħajn mhumiex issikkati wisq. **Matul it-tqala qatt ma għandu jintlibes underwired bra** għax il-wajer jista' jissikka fuq is-sider u joħloq problemi.

Wara li titwieled it-tarbija, il-qies taċ-ċinta ta' taħt il-bra jerġa' jiċkien. Is-sider jikber mal-wasla tal-ħalib ġo fih. Wara li l-omm tredda' lit-tarbija, is-sider jerġa' jiċkien. Għalhekk huwa importanti li l-bra tiegħek ikun komdu meta sidrek jikber u xorta waħda jagħtik sapport wara li tredda' lit-tarbija. Ħalli f'idejn l-istaff ta' "Special Delivery" biex jeħdulek il-qies għal bra tajjeb fl-ewwel stadji tat-tqala tiegħek!

Ir-Royce Nursing Bra huwa magħmul minn materjal ta' l-ifjen kwalita, b'kontenut għoli ta' qoton biex tħossok komda u biex il-bra jiġik perfett.